DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Marzu 2013

li temenda d-Deċiżjonijiet 2007/506/KE u 2007/742/KE, sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għal ċerti prodotti

(notifikata bid-dokument C(2013) 1411)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/135/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE [1], u b'mod partikulari l-punt (c) tal-Artikolu 8(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/506/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għas-spapen, shampoos u conditioners tax-xagħar [2] tiskadi fil-31 ta' Marzu 2013.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass [3], tiskadi fil-31 ta' Marzu 2013.

(3) Twettqet valutazzjoni biex tevalwa r-relevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, stabbiliti minn dawk id-Deċiżjonijiet. Minħabba l-istadji differenti tal-proċess tar-reviżjoni għal dawk id-Deċiżjonijiet, huwa xieraq li jittawlu l-perjodi ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati li huma stabbilixxew. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2007/506/KE u 2007/742/KE għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet 2007/506/KE u 2007/742/KE għandhom ikunu emendati skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2007/506/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'spapen, shampoos u conditioners tax-xagħar' kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2013".

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2007/742/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass', kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati, għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2013".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.
[2] ĠU L 186, 18.7.2007, p. 36.
[3] ĠU L 301, 20.11.2007, p. 14.